

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2105****tad-29 ta' Lulju 2022****li jistabbilixxi regoli dwar il-kontrolli tal-konformità tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa u metodi ta' analiżi tal-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 90a(6), il-punti (b) u (c), u l-Artikolu 91, il-punti (b), (d) u (g), tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ħassar u ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 <sup>(2)</sup>. Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jistabbilixxi regoli dwar l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa u jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni fdak ir-rigward. Biex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-suq taż-żejt taż-żebbuġa fil-qafas legali l-ġdid, iridu jiġu adottati ċerti regoli permezz ta' tali atti.
- (2) L-esperjenza miksuba matul l-aħħar għaxar snin mill-implimentazzjoni tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-Unjoni għaż-żejt taż-żebbuġa u mill-implimentazzjoni tal-kontrolli tal-konformità turi li l-qafas regolatorju jeħtieġ li jiġi ssimplifikat u ċċarat. Jenħtieġ li jiġu riveduti rekwiżiti simili u komplementari biex jiġu evitati d-duplikazzjonijiet u l-inkonsistenzi potenzjali.
- (3) Jenħtieġ li l-Istati Membri jwettqu kontrolli tal-konformità bl-għan li jivverifikaw jekk il-prodotti msemmija fil-Parti VII tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jikkonformawx mar-regoli stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2104 <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari dwar il-konformità tat-tikketta mal-kontenut tal-kontenitur. Jenħtieġ li l-introduzzjoni ta' rekwiżiti minimi ta' kontroll għall-Istati Membri kollha tgħin ukoll fil-għieda kontra l-frodi. Filwaqt li l-Istati Membri jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jidentifikaw u jiddeċiedu liema awtoritajiet jenħtieġ li jkunu responsabbli għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni b'tali awtoritajiet kompetenti, biex jiżguraw komunikazzjoni xierqa mal-awtoritajiet rispettivi tal-Istati Membri l-oħra u mal-Kummissjoni.
- (4) L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu meħtieġa jippreżentaw rapport annwali lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar il-kontrolli tal-konformità mwettqa matul is-sena preċedenti, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Sabiex jiġu ffaċilitati l-ġbir u t-trażmissjoni ta' *data* komparabbli, il-kompilazzjoni sussegwenti ta' tali *data* fi statistika għall-Unjoni kollha u t-tħejjija ta' rapporti mill-Kummissjoni dwar il-kontrolli tal-konformità madwar l-Unjoni, jenħtieġ li jiġi pprovdut mudell standard ta' formola għar-rapporti annwali.
- (5) Sabiex jiġi vverifikat li ż-żejt taż-żebbuġa jikkonforma mar-regoli stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2022/2104 u tiġi mmassimizzata l-protezzjoni tal-konsumaturi, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jwettqu kontrolli tal-konformità abbażi ta' analiżi tar-riskju.
- (6) Billi l-kontrolli fuq l-operaturi responsabbli għall-produzzjoni jew għat-tqegħid fis-suq għall-ewwel darba taż-żejt taż-żebbuġa jridu jsiru fl-Istat Membru li fih ikunu stabbiliti, jenħtieġ li jkun hemm proċedura għall-kooperazzjoni amministrattiva bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fejn iż-żejt jiġi prodott u kkummerċjalizzat.

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2104 tat-29 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 29/2012 (Ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

- (7) Fil-qafas tal-kontrolli, l-Istati Membri jenħtieġ li jspecifikaw l-evidenza li għandha tiġi pprovduta għat-termini differenti li jistgħu jintużaw fuq it-tikketta. Tali evidenza jenħtieġ li tinkludi fatti stabbiliti, riżultati ta' analiżijiet jew reġistrazzjonijiet affidabbli, u informazzjoni amministrattiva jew kontabilistika.
- (8) L-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew japprovaw impjanti tal-imbagg li jinsabu fit-territorju tagħhom, sabiex jiffaċilitaw il-kontroll tal-konformita tal-prodott mad-dettalji obbligatorji u fakultattivi miktuba fuq it-tikketta, f'konformita mar-Regolament Delegat (UE) 2022/2104.
- (9) Il-karatteristiċi tat-tipi differenti ta' zajt taż-żebbuġa jenħtieġ li jiġu ddeterminati b'mod uniformi madwar l-Unjoni. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tispecifica liema metodi ta' analiżi kimika u evalwazzjoni organolettika jenħtieġ li jintużaw. Peress li l-Unjoni hija membru tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ ("IOC"), il-metodi li jridu jintużaw meta jitwettqu l-kontrolli tal-konformita jenħtieġ li jkunu daww stabbiliti mill-IOC.
- (10) Sabiex tiġi żgurata l-uniformita fil-kampjunar għall-kontrolli tal-konformita, jenħtieġ li jiġi stabbilit il-metodu ta' kampjunar taz-zajt taż-żebbuġa. Sabiex jiġi żgurata li l-analiżijiet jitwettqu fil-kundizzjonijiet korretti u fid-dawl tad-distanzi bejn ir-reġjuni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti limiti ta' żmien differenti biex jintbagħtu l-kampjuni lil-laboratorju wara t-teħid tal-kampjuni.
- (11) L-Istati Membri jenħtieġ li jivverifikaw il-konformita taz-zajt taż-żebbuġa mqiegged fis-suq tal-Unjoni mal-karatteristiċi stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2022/2104. Fir-rigward tal-klassifikazzjoni taż-żjut, ir-riżultati tat-test jenħtieġ li jitqabblu mal-limiti stabbiliti fdak ir-Regolament, li jqisu r-repetibbiltà u r-riproduċibbiltà tal-metodi ta' analiżi użati.
- (12) Il-metodu tal-IOC għall-evalwazzjoni tal-karatteristiċi organolettiċi taż-żjut taż-żebbuġa verġni jinkludi l-istabiliment ta' bords tad-dewwieqa magħżula u mħarrġa. Sabiex tiġi żgurata l-uniformita fl-implimentazzjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għall-approvazzjoni tal-bords. Fid-dawl tad-diffikultajiet li xi Stati Membri jiltaqgħu magħhom fl-istabiliment ta' bords tad-dewwieqa, l-użu ta' bords fi Stati Membri oħra jenħtieġ li jiġi awtorizzat.
- (13) L-użu tal-metodu tal-IOC għall-evalwazzjoni tal-karatteristiċi organolettiċi taż-żjut taż-żebbuġa verġni jirrikjedi li tkun disponibbli proċedura biex jiġu ttrattati każijiet ta' discrepanza bejn il-kategorija ddikjarata u dik assenjata mill-bord tad-dewwieqa.
- (14) Sabiex jiġi żgurata li s-sistema ta' imposti applikabbli għall-importazzjonijiet tal-pasta taż-żrieragħ zjettin u tar-residwi tiffunzjona kif suppost, jenħtieġ li jiġi stabbilit metodu uniku għad-determinazzjoni tal-kontenut ta' zajt ta' dawn il-prodotti.
- (15) L-Istati Membri jenħtieġ li jistabilixxu penali għan-nuqqasijiet ta' konformita li jinsabu fil-livell nazzjonali mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għaż-zajt taż-żebbuġa. Daww il-penali jenħtieġ li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.
- (16) Il-miżuri previsti fdan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

#### **Kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jistabilixxi regoli dwar:

- (a) il-kontrolli tal-konformita mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għaż-żjut taż-żebbuġa msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2104 u l-implimentazzjoni tagħhom mill-operaturi;
- (b) il-kooperazzjoni u l-assistenza bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-kontrolli tal-konformita msemmija fil-punt (a);
- (c) ir-rekords li jridu jinżammu mill-operaturi li jipproduċu jew li jkollhom iz-zajt taż-żebbuġa u l-approvazzjoni tal-impjanti tal-imbagg;
- (d) il-metodi ta' analiżi għad-determinazzjoni tal-karatteristiċi taz-zajt taż-żebbuġa.

*Artikolu 2***Obbligi tal-Istati Membri dwar il-kontrolli tal-konformità**

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli tal-konformità fuq iż-żejt taż-żebbuġa biex jivverifikaw l-implimentazzjoni tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2022/2104 abbażi ta' analiżi tar-riskju msemmija fl-Artikolu 3.
2. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw li l-operaturi jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 5(1).
3. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1183 (\*) l-isem u l-indirizz tal-awtorità jew tal-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu kontrolli tal-konformità f'konformità ma' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra u, fuq talba, lil kwalunkwe parti interessata ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidla li sseħħ.

*Artikolu 3***Frekwenza tal-kontrolli tal-konformità u tal-analiżi tar-riskju**

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "żejt taż-żebbuġa kummerċjalizzat" tfisser il-kwantità totali ta' żejt taż-żebbuġa disponibbli fis-suq fi Stat Membru u li jiġi esportat minn dak l-Istat Membru.
2. L-Istati Membri għandhom iwettqu mill-inqas kontroll tal-konformità wieħed fis-sena għal kull elf tunnellata ta' żejt taż-żebbuġa kummerċjalizzati fit-territorju tagħhom.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontrolli tal-konformità jitwettqu b'mod selettiv, abbażi ta' analiżi tar-riskju, u bil-frekwenza x-xierqa, sabiex jivverifikaw li ż-żejt taż-żebbuġa kummerċjalizzat jikkorrispondi mal-kategorija ddikjarata.
4. Il-kriterji għall-valutazzjoni tar-riskju huma b'mod partikolari:
  - (a) il-kategorija taż-żejt taż-żebbuġa skont it-tifsira tal-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2104, il-perjodu tal-produzzjoni, il-prezz tiegħu meta mqabbel ma' żjut veġetali oħrajn, l-operazzjonijiet ta' taħlit u ppakkjar, il-faċilitajiet u l-kundizzjonijiet tal-ħżin, il-pajjiż tal-orijini, il-pajjiż tad-destinazzjoni, il-mezz tat-trasport jew il-volum tal-lott;
  - (b) il-pożizzjoni tal-operaturi fil-katina tal-kummerċjalizzazzjoni, il-volum u l-valur kummerċjalizzat minnhom, il-firxa tal-kategoriji taż-żejt li jqiegħdu fis-suq, it-tip ta' negozju li jsir bħat-tħin, il-ħżin, ir-raffinar, it-taħlit, l-imballaġġ jew il-bejgħ bl-imnut;
  - (c) is-sejbiet li saru waqt kontrolli preċedenti inklużi l-għadd u t-tip ta' difetti misjuba, il-kwalità tas-soltu taż-żejt taż-żebbuġa kummerċjalizzat, il-prestazzjoni tat-tagħmir tekniku użat;
  - (d) l-affidabbiltà tas-sistemi tal-assigurazzjoni tal-kwalità jew tas-sistemi tal-awtokontroll tal-operaturi relatati mal-konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni;
  - (e) il-post fejn ikun sar il-kontroll tal-konformità, b'mod partikolari jekk ikun l-ewwel punt ta' dħul fl-Unjoni, l-aħħar punt ta' ħruġ mill-Unjoni jew il-post fejn iż-żjut jiġu prodotti, ippakkjati, mgħobbija jew mibjugħa lill-konsumatur finali;
  - (f) kwalunkwe informazzjoni oħra li tista' tindika riskju ta' nuqqas ta' konformità.
5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu minn qabel:
  - (a) il-kriterji biex jiġi vvalutat ir-riskju tan-nuqqas ta' konformità tal-lottijiet;
  - (b) abbażi tal-analiżi tar-riskju għal kull kategorija ta' riskju, l-għadd minimu ta' operaturi jew lottijiet u kwantitajiet li se jkun soġġetti għall-kontroll tal-konformità.
6. Meta l-kontrolli juru irregolaritajiet sinifikanti, l-Istati Membri għandhom iżidu l-frekwenza tal-kontrolli b'rabta mal-istadju tal-kummerċjalizzazzjoni, il-kategorija taż-żejt, l-orijini jew kriterji oħra.

(\*) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1183 tal-20 ta' April 2017 li jissupplimenta r-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-notifiki lill-Kummissjoni ta' informazzjoni u dokumenti (ĠU L 171, 4.7.2017, p. 100).

*Artikolu 4***Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-kontrolli tal-konformità**

1. Jekk tinstab xi irregolarità u l-operatur muri fuq it-tikketta jkun stabbilit fi Stat Membru ieħor, l-Istat Membru kkonċernat għandu jagħmel talba għal verifika f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 <sup>(<sup>2</sup>)</sup> lill-Istat Membru li fih ikun stabbilit l-operatur li jidher fuq it-tikketta.
2. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1715, it-talba msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun akkumpanjata mill-informazzjoni kollha meħtieġa għall-verifika, u b'mod partikolari:
  - (a) id-data tal-kampjunar jew tax-xiri taż-żejt taż-żebbuġa inkwistjoni;
  - (b) l-isem jew l-isem kummerċjali u l-indirizz tal-operatur fejn ikun ittieħed il-kampjun jew fejn kien inxtara ż-żejt taż-żebbuġa konċernat;
  - (c) in-numru tal-lottijiet konċernati;
  - (d) kopja tat-tikketti kollha li jidhru fuq l-imballaġġ taż-żejt taż-żebbuġa konċernat;
  - (e) ir-riżultati tal-analiżi jew tal-opinjoni komparattivi l-oħra tal-esperti li jindikaw il-metodi użati u l-isem u l-indirizz tal-laboratorju jew tal-espert;
  - (f) fejn applikabbli, l-isem tal-fornitur taż-żejt taż-żebbuġa inkwistjoni kif iddikjarat mis-suq tal-kummerċjalizzazzjoni.
3. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 22 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1715, l-Istat Membru li t-talba tkun indirizzata lilu, għandu jieħu kampjuni mhux aktar tard minn tmien ix-xahar wara dak tat-talba u jivverifika l-indikazzjonijiet dwar it-tikkettar konċernat. Dan għandu jwieġeb fi żmien tliet xhur mid-data tat-talba.

*Artikolu 5***Obbligi tal-operaturi**

1. Għall-finijiet tal-kontrolli tal-konformità, l-operaturi mill-mitħna u sal-istadju tal-ibbottiljar għandhom iżommu reġistri tad-dħul u tal-irtirar għal kull kategorija ta' żejt taż-żebbuġa li jkollhom.
2. Fuq talba tal-Istat Membru li fih ikun stabbilit l-operatur li jidher fuq it-tikketta, l-operatur għandu jipprovdi dokumentazzjoni fir-rigward tal-issodisfar tar-rekwiżiti msemija fl-Artikoli 6, 8 u 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2104 abbażi ta' wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin:
  - (a) l-elementi fattwali jew il-fatti stabbiliti b'mod xjentifiku;
  - (b) ir-riżultati tal-analiżijiet jew tar-reġistrazzjonijiet awtomatiċi meħudin fuq kampjuni rappreżentattivi;
  - (c) l-informazzjoni amministrattiva jew kontabilistika miżmuma f'konformità mar-regoli tal-Unjoni u nazzjonali.

*Artikolu 6***Approvazzjoni fakultattiva tal-impjanti tal-imballaġġ fil-livell nazzjonali**

1. L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li japprovaw impjanti tal-imballaġġ li jinsabu fit-territorju tagħhom.
2. Meta jiddeċiedu li jagħmlu użu mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jagħtu l-approvazzjoni u jallokaw l-identifikazzjoni alfanumerika lil kwalunkwe impjant tal-imballaġġ li jitlob dan, li jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) ikollu faċilitajiet tal-imballaġġ;
  - (b) jimpenja ruħu li jiġbor u jżomm id-dokumentazzjoni msemija fl-Artikolu 5;

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715 tat-30 ta' Settembru 2019 li jstabilixxi r-regoli għat-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali u l-komponenti tas-sistema tagħha ("ir-Regolament IMSOC") (ĠU L 261, 14.10.2019, p. 37).

- (c) ikollu sistema ta' ħżin li tagħmilha possibbli li tiġi vverifikata l-provenjenza taż-żjut taż-żebbuġa li għalihom it-tikkettar tal-post ta' oriġini huwa obbligatorju f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2104.
3. Meta jiddeċiedu li jagħmlu użu mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-arranġamenti rilevanti f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(6)</sup>.

#### Artikolu 7

### Metodi ta' analiżi użati għad-determinazzjoni tal-karatteristiċi taż-żjut taż-żebbuġa

Il-karatteristiċi taż-żjut taż-żebbuġa stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2104 għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-metodi ta' analiżi stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 8

### Kampjunar għall-kontrolli tal-konformità

1. Il-kampjuni għall-kontrolli tal-konformità għandhom jittieħdu f'konformità mal-istandards internazzjonali EN ISO 661 dwar it-tħejjija tal-kampjuni tat-test u EN ISO 5555 dwar il-kampjunar. Madankollu, għal-lottijiet ta' żejt taż-żebbuġa imballat, il-kampjunar għandu jsir f'konformità mal-Anness II. Fil-każ ta' żjut bl-ingrossa li l-kampjunar tagħhom ma jistax isir f'konformità mal-istandard EN ISO 5555, il-kampjunar għandu jsir f'konformità mal-istruzzjonijiet ipprovduti mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.
2. Mingħajr preġudizzju għall-istandard EN ISO 5555 u għall-Kapitolu 6 tal-istandard EN ISO 661, il-kampjuni meħudin għandhom jitpoġġew kemm jista' jkun malajr f'post fid-dlam, 'il bogħod mis-sħana u għandhom jintbagħtu lil-laboratorju għall-analiżi mhux aktar tard mill-ħames jum tax-xogħol wara li jittieħdu, inkella l-kampjuni għandhom jinżammu b'tali mod li ma jiġux degradati jew danneġġati waqt it-trasport jew il-ħżin qabel ma jintbagħtu lil-laboratorju.

#### Artikolu 9

### Verifika tal-karatteristiċi taż-żjut taż-żebbuġa

1. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-konformità taż-żjut taż-żebbuġa mal-karatteristiċi taż-żjut taż-żebbuġa stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2104:
- (a) fi kwalunkwe ordni; jew
- (b) billi jsegwu l-ordni stabbilita fid-dijagramma sekwenzjali fl-Anness III ta' dan ir-Regolament, sakemm tintlaħaq waħda mid-deċiżjonijiet li jidhru fid-dijagramma sekwenzjali.
2. Għall-fini tal-verifika prevista fil-paragrafu 1, l-analiżijiet għad-determinazzjoni tal-livell ta' aċidità, il-valur tal-perossidu K232, K268 jew K270, ΔK, l-esteri etiliċi tal-aċidi grassi, ix-xama' u l-karatteristiċi organolettiċi, fejn applikabbli, kwalunkwe kontroanaliżi meħtieġa skont il-liġi nazzjonali għandha ssir qabel id-data minima ta' durabbiltà fil-każ ta' żejt taż-żebbuġa imballat. Fil-każ tat-teħid ta' kampjuni taż-żjut bl-ingrossa, dawn l-analiżijiet għandhom isiru mhux aktar tard minn sitt xhur wara x-xahar li fih ikun ittieħed il-kampjun.
3. L-ebda limitu ta' żmien ma għandu japplika għall-verifika ta' karatteristiċi oħra taż-żejt taż-żebbuġa stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2104.
4. Għaż-żejt taż-żebbuġa ppakkjat, sakemm il-kampjun ma jkunx ittieħed inqas minn xahrejn qabel id-data minima tad-durabbiltà, jekk ir-riżultati tal-analiżijiet ma jaqblux mal-karatteristiċi tal-kategorija taż-żejt taż-żebbuġa dikjarata, l-operatur li minnu jkun ittieħed il-kampjun għandu jiġi nnotifikat mhux aktar tard minn xahar qabel id-data minima tad-durabbiltà.

<sup>(6)</sup> Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).

5. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa bil-metodi stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, ir-riżultati tal-analiżijiet għandhom jitqabblu direttament mal-limiti stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2104, li jqisu r-repetibbiltà u r-riproduċibbiltà tal-metodi ta' analiżi użati.
6. Ir-regoli ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għal kull kampjun ewlieni li jittieħed f'konformità mal-Anness II.

#### Artikolu 10

##### Bords tad-dewwieqa

1. Għall-finijiet ta' kontrolli tal-konformità, il-bords tad-dewwieqa, approvati mill-Istati Membri fit-territorju tagħhom, għandhom jivvalutaw il-karatteristiċi organolettiċi taż-żjut taż-żebbuġa verġni stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2104 u għandhom jirrapportaw dwar dawk il-karatteristiċi u dwar il-kategorija.
2. It-termini tal-approvazzjoni tal-bords tad-dewwieqa għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri u jiżguraw li:
  - (a) jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-metodu msemmi fil-punt 5 tal-Anness I għad-determinazzjoni tal-karatteristiċi organolettiċi taż-żejt taż-żebbuġa verġni;
  - (b) il-mexxej tal-bord jingħata taħriġ rikonoxxut għal dan il-għan mill-Istat Membru;
  - (c) l-approvazzjoni kontinwa tiddependi mill-prestazzjoni f'rieżami annwali tal-bord tad-dewwieqa mill-Istat Membru.
3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2017/1183, bil-lista tal-bords tad-dewwieqa approvati fit-territorju tagħhom u jinformat lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla f'dik il-lista mingħajr dewmien.
4. Meta l-ebda bord tad-dewwieqa fit-territorju ta' Stat Membru ma jissodisfa t-termini tal-approvazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-Istat Membru għandu jistieden bord tad-dewwieqa approvat fi Stat Membru ieħor.

#### Artikolu 11

##### Verifika tal-karatteristiċi organolettiċi taż-żjut taż-żebbuġa verġni

1. Il-karatteristiċi organolettiċi taż-żjut taż-żebbuġa verġni stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2104 għandhom jitqiesu bħala konsistenti mal-kategorija ddikjarata jekk bord tad-dewwieqa approvat minn Stat Membru jikkonferma l-kategorija.
2. Meta l-bord tad-dewwieqa ma jikkonfermax il-kategorija dikjarata fir-rigward tal-karatteristiċi organolettiċi, fuq talba tal-operatur soġġett għall-kontroll, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom żewġ kontrovalutazzjonijiet li jsiru minn bords tad-dewwieqa oħra approvati mingħajr dewmien. Mill-inqas wieħed mill-bords tad-dewwieqa għandu jkun bord approvat mill-Istat Membru li fih ikun ġie prodott iż-żejt taż-żebbuġa. Il-karatteristiċi konċernati għandhom jitqiesu bħala konsistenti mal-karatteristiċi dikjarati jekk iż-żewġ kontrovalutazzjonijiet jikkonfermaw il-kategorija dikjarata. Jekk dan ma jkunx il-każ, irrispettivament mit-tip ta' difetti determinati matul il-kontrovalutazzjonijiet, il-kategorija dikjarata għandha tiġi ddikjarata bħala inkonsistenti mal-karatteristiċi u l-operatur soġġett għall-kontroll għandu jġarrab il-kostijiet tal-kontrovalutazzjonijiet.
3. Meta ż-żejt jiġi prodott barra mill-Unjoni, iż-żewġ kontroanalizijiet għandhom jitwettqu minn żewġ bords tad-dewwieqa differenti minn dak li inizjalment ikun stabbilixxa n-nuqqas ta' konformità.
4. Meta jwettqu l-kontrovalutazzjonijiet, il-bords tad-dewwieqa għandhom jivvalutaw iż-żejt taż-żebbuġa f'żewġ sessjonijiet separati tad-dewqan. Ir-riżultati miż-żewġ sessjonijiet għaż-żejt taż-żebbuġa soġġett għall-kontrovalutazzjoni jridu jkunu statistikament omoġenji. Jekk le, il-kampjun irid jerġa' jiġi analizzat darbtejn. Il-valuri rrapportati tal-karatteristiċi organolettiċi taż-żejt taż-żebbuġa soġġett għall-kontrovalutazzjoni għandhom jiġu kkalkolati bħala l-medja tal-valuri miksuba għal dawk il-karatteristiċi fiż-żewġ sessjonijiet statistikament omoġenji.

*Artikolu 12***Kontenut ta' żejt tal-pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi oħra**

1. Il-kontenut ta' żejt tal-pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi oħra li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa (il-kodiċijiet NM 2306 90 11 u 2306 90 19) għandu jiġi determinat billi jintuża l-metodu stabbilit fl-Anness IV.
2. Il-kontenut ta' żejt imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi espress bħala perċentwal tal-piż ta' żejt għall-piż ta' materja niexfa.

*Artikolu 13***Penali**

1. Fejn jinstab li l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2022/2104 ma jiġux irrispettati, l-Istati Membri għandhom japplikaw penali effettivi, proporzjonati u dissważivi li għandhom jiġu ddeterminati fid-dawl tas-serjeta' tal-irregolarità identifikata.
2. Sal-31 ta' Mejju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2017/1183, bil-miżuri meħudin għal dak il-għan u mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda għal dawk il-miżuri.

*Artikolu 14***Rapportar**

Sal-31 ta' Mejju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapport f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2017/1183 dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament matul is-sena kalendarja preċedenti. Ir-rapport għandu jkun fih mill-inqas ir-riżultati tal-kontrolli tal-konformità mwettqa fuq iż-żejt taż-żebbuġa f'konformità mal-formola stabbilita fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 15***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Lulju 2022.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN

## ANNEX I

**Metodi ta' analiżi użati għad-determinazzjoni tal-karatteristiċi taż-żjut taż-żebruġa**

	Karatteristiċi taż-żjut taż-żebruġa	Metodu tal-IOC li għandu jintuża
1	Aċidità	COI/T.20/Doc. Nru 34 ( <i>Determinazzjoni tal-aċidi xaħmin liberi, metodu fil-kiesaħ</i> )
2	Valur tal-perossidu	COI/T.20/Doc. Nru 35 ( <i>Determinazzjoni tal-valur tal-perossidu</i> )
3	2-gliceril monopalmittat	COI/T.20/Doc. Nru 23 ( <i>Determinazzjoni tal-perċentwal ta' 2-gliceril monopalmittat</i> )
4	K232, K268 jew K270, ΔK	COI/T.20/Doc. Nru 19 ( <i>Investigazzjoni spettrofotometrika fl-ultravjola</i> )
5	Karatteristiċi organolettiċi	COI/T.20/Doc. Nru 15 ( <i>Analiżi sensorjalitaż-żejt taż-żebruġa – Metodu għall-valutazzjoni organolettika taż-żejt taż-żebruġa verġni</i> ) – minbarra l-punti 4.4 u 10.4 tiegħu
6	Kompożizzjoni ta' aċidi xaħmin, inklużi transisomeri	COI/T.20/Doc. Nru 33 ( <i>Determinazzjoni tal-esteri metiliċi tal-aċidi xaħmin permezz tal-kromatografija b'fażi gassuża</i> )
7	Esteri etiliċi tal-aċidi xaħmin, xama'	COI/T.20/Doc. Nru 28 ( <i>Determinazzjoni tal-kontenut ta' xama', ester metiliċi tal-aċidi xaħmin, u ester etiliċi tal-aċidi xaħmin permezz tal-kromatografija b'fażi gassuża f'kolonna kapillari</i> )
8	L-isteroli totali, il-kompożizzjoni tal-isteroli, l-eritrodio, l-uvaol u l-alkoħol alifatiku	COI/T.20/Doc. Nru 26 ( <i>Determinazzjoni tal-kompożizzjoni u l-kontenut ta' steroli, dialkoħol triterpeniku u alkoħol alifatiku permezz tal-kromatografija b'fażi gassuża f'kolonna kapillari</i> )
9	Stigmastadienes	COI/T.20/Doc. Nru 11 ( <i>Determinazzjoni tal-istigmastadienes fiż-żjut veġetali</i> )
10	ΔECN42	COI/T.20/Doc. Nru 20 ( <i>Determinazzjoni tad-differenza bejn il-kontenut attwali u teoretiku tat-triacigliceroli mal-ECN 42</i> )



## ANNEX II

**TEĦID TA' KAMPJUNI TAŻ-ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA KKONSENJAT F'PAKKETTI**

Dan il-metodu ta' teħid ta' kampjuni jintuża għal-lottijiet taż-żejt taż-żebbuġa mqiegħda fil-pakketti. Japplikaw metodi differenti tat-teħid ta' kampjuni, skont jekk il-pakkett ikunx jaqbeż il-5 litri jew le.

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "pakkett" tfisser il-kontenitur li jkun f'kontatt dirett maż-żejt taż-żebbuġa;
- (b) "lott" tfisser sett ta' pakketti li jiġu prodotti, manifatturati u pakkjati f'ċirkustanzi li jkunu tali li ż-żejt taż-żebbuġa li jkun f'kull pakkett jitqies omoġenju f'termini tal-karatteristiċi analitiċi kollha tiegħu. L-individwazzjoni ta' lott trid issir f'konformità mad-Direttiva 2011/91/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>;
- (c) "inkrement" tfisser il-kwantità ta' żejt taż-żebbuġa li tinsab f'pakkett sa 5 litri jew estratta minn pakkett li jaqbeż il-5 litri, meta l-pakketti jintgħażlu minn punt aleatorju tal-lott.

**1. IL-KONTENUT TAL-KAMPJUN EWLIENI****1.1. Kampjuni ewlenin għal pakketti sa 5 litri**

Kampjun ewlieni għall-pakketti sa 5 litri għandu jkun kostitwit skont it-Tabella 1.

Tabella 1

Id-daqs minimu tal-kampjun ewlieni jrid ikun fih dan li ġej:

Meta l-pakkett ikollu kapaċità ta'	Il-kampjun ewlieni jrid ikun fih żejt taż-żebbuġa minn
(a) 750 ml jew aktar	(a) pakkett 1;
(b) inqas minn 750 ml	(b) l-għadd minimu ta' pakketti b'kapaċità totali ta' mill-anqas 750 ml

Il-kontenut tal-kampjun ewlieni għandu jiġi omoġenizzat qabel ma jitwettqu l-valutazzjonijiet u l-analizzijiet differenti.

**1.2. Kampjuni ewlenin għall-pakketti li jaqbżu l-5 litri**

Kampjun ewlieni għall-pakketti li jaqbżu l-5 litri għandu jkun kostitwit mill-għadd totali ta' inkrementi estratti mill-għadd minimu ta' pakketti stabbilit fit-Tabella 2. Il-pakketti għandhom jintgħażlu mil-lott b'mod aleatorju. Ladarba jiġi kostitwit, il-kampjun ewlieni għandu jkollu volum suffiċjenti li jippermetti d-diviżjoni f'diversi eżempji.

Tabella 2

L-għadd minimu ta' pakketti li għandhom jintgħażlu b'mod aleatorju

Għadd ta' pakketti fil-lott	Għadd minimu ta' pakketti li għandhom jintgħażlu
Sa 10	1
Minn ... 11 sa 150	2
Minn ... 151 sa 500	3
minn 501 sa 1 500	4
minn 1 501 sa 2 500	5
> 2 500 għal kull 1 000 pakkett	Pakkett addizzjonali

Wara l-omoġenizzazzjoni tal-kontenut ta' kull pakkett, l-inkrement jiġi estratt u jiferra' f'kontenitur komuni biex jiġi omoġenizzat billi jitħawwad, sabiex il-kampjun jitħares bl-aħjar mod mill-arja.

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva 2011/91/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-indikazzjonijiet jew il-marki li jidentifikaw il-lott li għalih jappartjeni oġġett tal-ikel (ĠU L 334, 16.12.2011, p. 1).

Il-kontenut tal-kampjun ewlieni għandu jiferra' f'sensiela ta' pakketti b'kapaċità minima ta' litru, li kull wieħed minnhom ikun jikkostitwixxi unità tal-kampjun ewlieni. Kull unità ta' pakkett trid timtela b'tali mod li jitnaqqas kemm jista' jkun is-saff tal-arja fil-wiċċ taġġha u mbagħad trid tingħalaq u tiġi ssiġġillata kif xieraq biex ikun żgurat li ma tkunx tista' titbagħbas. Dawn l-unitajiet ta' pakketti jridu jiġu ttikkettati biex tkun żgurata l-identifikazzjoni korretta taġġhom.

## 2. ŻIEDA FL-GĦADD TA' KAMPJUNI EWLENIN

2.1. Kull Stat Membru jista' jżid l-għadd ta' kampjuni ewlenin skont il-ħtiġijiet tiegħu (pereżempju l-valutazzjoni organolettika jkun għamilha laboratorju differenti minn dak li jkun wettaq l-analiżi kimika, il-kontroanaliżi, eċċ.).

2.2. L-awtorità kompetenti tista' żżid l-għadd ta' kampjuni ewlenin skont it-tabella li ġejja:

Tabella 3

L-għadd ta' kampjuni ewlenin stabbilit skont id-daqs tal-lott

Daqs tal-lott (flitri)	Għadd ta' kampjuni ewlenin
Inqas minn 7 500	2
bejn 7 500 u anqas minn 25 000	3
bejn 25 000 u anqas minn 75 000	4
bejn 75 000 u anqas minn 125 000	5
125 000 u iktar	6 + 1 għal kull 50 000 litru iktar

2.3. Il-formazzjoni ta' kull kampjun ewlieni trid titwettaq f'konformita mal-proċeduri msemmija fil-punti 1.1 u 1.2.

2.4. Meta jintgħażlu b'mod aleatorju l-pakketti għal inkrementi, il-pakketti magħżula għal kampjun ewlieni wieħed iridu jkunu kontigwi ma' pakketti magħżula għal kampjun ewlieni ieħor. Hemm bżonn li tittieħed nota tal-post ta' kull pakkett magħżul b'mod aleatorju u li dan jiġi identifikat mingħajr ambigwità.

## 3. L-ANALIŻIJIET U R-RIŻULTATI

3.1. Meta r-riżultati kollha tal-analiżijiet ta' kull kampjun ewlieni jikkonformaw mal-karatteristiċi tal-kategorija taż-żejt taż-żebbuġa ddikjarata, il-lott kollu għandu jiġi ddikjarat bħala konformi.

3.2. Meta wieħed mir-riżultati tal-analiżijiet ta' mill-inqas kampjun ewlieni wieħed ma jkunx jikkonforma mal-karatteristiċi tal-kategorija taż-żejt taż-żebbuġa ddikjarata, il-lott kollu tal-kampjuni għandu jiġi ddikjarat bħala mhux konformi.

ANNEX III

DIJAGRAMMA SEKWENZJALI BIEX JIĠI VVERIFIKAT JEKK KAMPJUN TAŻ-ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA HUWIEK KONSISTENTI MAL-KATEGORIJA DDIKJARATA JEW LE

Tabella ġenerali




Tabella 1

## Żejt taż-żebbuġa extra verġni — Kriterji tal-kwalità




Tabella 2

Żejt taż-żebbuġa verġni — Kriterji tal-kwalità




Tabella 3

Żejt taż-żebbuġa *extra* verġni u żejt taż-żebbuġa verġni — Kriterji tal-purità

1	Stigmastadienes (mg/kg)	$\leq 0,05$	$> 0,05$	Żejt mhux konsistenti mal-kategorija ddikjarata	Preżenza indikattiva ta' żejt raffinat (taż-żebbuġa jew oħrajn)
2	Transisomeri tal-aċidi xaħmin (%)	$tC18:1 \leq 0,05$ u $t(C18:2 + C18:3) \leq 0,05$	$tC18:1 > 0,05$ jew $t(C18:2 + C18:3) > 0,05$		Preżenza indikattiva ta' żejt raffinat (taż-żebbuġa jew oħrajn)
3	Kompożizzjoni tal-aċidu xaħmi	Konsistenti mal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2022/... [20220707-034]	Mhux konsistenti mal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2022/... [20220707-034]		Indikattiv tal-preżenza ta' żjut estranji
4	$\Delta$ ECN42	$\leq  0,20 $	$>  0,20 $		Indikattiv tal-preżenza ta' żjut estranji
5	Kompożizzjoni tal-isteroli u l-kontenut totali ta' steroli	Konsistenti mal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2022/... [20220707-034]	Mhux konsistenti mal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2022/... [20220707-034]		Indikattiv tal-preżenza ta' żjut estranji
6	Eritrodijol + Uvao 1 (%)	$\leq 4,5$	$> 4,5$		Preżenza indikattiva ta' żejt mhux raffinat mir-residwi taż-żebbuġ
7	Xama' (mg/kg) C42+C44+C46	$\leq 150$	$> 150$		Preżenza indikattiva ta' żejt mhux raffinat mir-residwi taż-żebbuġ
8	2-gliċeril-monopalmitat (%)	Konsistenti mal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2022/... [20220707-034] $\leq 0,9$ % jekk l-aċidu palmitiku $\leq 14$ % jew $\leq 1,0$ % jekk aċidu palmitiku $> 14$ %	Mhux konsistenti mal-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2022/... [20220707-034]...		Indikattiv tal-preżenza ta' żjut esterifikati jew dawk b'kontenut għoli ta' palmitat
Żejt konsistenti mal-kategorija ddikjarata					

Tabella 4

Żejt taż-żebbuġa lampante — Kriterji tal-purità




Tabella 5

## Żejt taż-żebbuġa raffinat — Kriterji tal-kwalità






Tabella 6

Żejt taż-żebbuġa (magħmul minn taħlita ta' żejt taż-żebbuġa raffinat u żjut taż-żebbuġa verġni) – Kriterji tal-kwalità




Tabella 7

Żejt taż-żebbuġa raffinat u żejt taż-żebbuġa magħmul minn żejt taż-żebbuġa raffinat u żjut taż-żebbuġa verġni — Kriterji tal-purità Kriterji tal-purità




Tabella 8

Żejt mhux raffinat mir-residwi taż-żebbuġ — Kriterji tal-purità




Tabella 9

## Żejt raffinat mir-residwi taż-żebbuġ -- Kriterji tal-kwalità




Tabella 10

**Żejt mir-residwi taż-żebbuġ – Kriterji tal-kwalità**





Tabella 11

Żejt raffinat mir-residwi taż-żebbuġ u żejt mir-residwi taż-żebbuġ — Kriterji tal-purità



## ANNEX IV

**Metodu għall-kejl tal-kontenut ta' żejt fil-pasta taż-żrieragħ żejtnin u r-residwi****1. MATERJALI****1.1. Apparat**

- apparat xieraq ta' estrazzjoni mgħammar bi flask b'qiegħ tond ta' 200 sa 250 ml,
- banju msaħħan bl-elettriku (eż, banju bir-ramel, banju bl-ilma) jew hotplate,
- bilanċ analitiku,
- forn irregolat sa massimu ta' 80 °C,
- forn imsaħħan bl-elettriku mgħammar b'apparat termostatiku rregolat sa  $103 \pm 2$  °Cu ieħor li minnu jista' jiġi mgħoddi kurrent ta' arja jew li jista' jitħaddem bi pressjoni mnaqqsa,
- mitħna mekkanika, faċli biex titnaddaf, u waħda li tippermetti t-tħin tar-residwi taż-żebbuġ mingħajr żieda fit-temperatura jew xi tibdil li jinħass fil-kontenut ta' umdità tagħhom, fil-materja volatili jew fis-sostanzi li jistgħu jiġu estratti bl-eżan,
- tubu ta' estrazzjoni u tajjar jew karta filtru li jkunu diġà tneħħew minnhom sostanzi li jistgħu jiġu estratti bl-eżan,
- desikkatur,
- passatur b'toqob ta' dijametru ta' 1 mm,
- partikoli żgħar ta' ħaffiefa imnixxa minn qabel.

**1.2. Reaġent**

Eżan normali, ta' grad tekniku, li għandu jħalli residwu ta' anqas minn 0,002 g kull 100 ml, meta jevapora kollu.

**2. PROĊEDURA****2.1. Preparazzjoni tal-kampjun tat-test**

Jekk ikun hemm bżonn, uża l-mitħna mekkanika, li qabel tkun ġiet imnaddfa sew, biex tidhan il-kampjun tal-laboratorju sabiex tfarrku f'partikoli li jkunu jistgħu jgħaddu għalkollox mill-għarbiel.

Uża madwar ħamsa fil-mija tal-kampjun biex ittemm il-proċess tat-tindif tal-mitħna, armi l-materjal mitħun, itħan li jibqa' u iġbor, ħallat bir-reqqa u analizza mingħajr dewmien.

**2.2. Porzjon għat-testijiet**

Malli tintemm l-operazzjoni tat-tħin, iżen madwar 10 g tal-kampjun sal-eqreb 0,01 g għall-ittestjar.

**2.3. Tħejjija tat-tubu ta' estrazzjoni**

Qiegħed il-porzjon tat-test fit-tubu u sodd bit-tajjar. Jekk tintuża karta filtru, qartas il-porzjon tat-test fiha.

**2.4. Tnixxif preliminari**

Jekk ir-residwi taż-żebbuġ ikunu nedjin ħafna (i.e., umdità u kontenut materjali volatili aktar minn 10 %), għamel tnixxif preliminari billi tpoġġi t-tubu mgħobbi (jew il-karta filtru) fil-forn imsaħħan għal ħin xieraq f'temperatura sa 80 °C sabiex tnaqqas l-umdità u l-kontenut materjali volatili għal anqas minn 10 %.

**2.5. Tħejjija tal-flask bil-qiegħ tond**

Iżen sal-eqreb 1 mg il-flask li fih partikola waħda jew tnejn mill-ħaffiefa, imnixxa minn qabel fil-forn f' $103 \pm 2$  °C imbagħad imkessħa f'dessikatur għal mhux anqas minn siegħa.

## 2.6. Estrazzjoni tal-bidu

Fl-apparat ta' estrazzjoni deffes it-tubu (jew il-karta filtru) li fih hemm il-porzjon tat-test. Ferra' l-kwantita meħtieġa ta' eżan fil-flask. Qiegħed il-flask fl-apparat ta' estrazzjoni u qiegħed kollox fuq il-banju msaħħan bl-elettriku. Irregola r-rata tat-tisħin b'mod li r-rata ta' rifluss ma tkunx anqas minn tliet qatriet kull sekonda (togħlija moderata, mhux bil-qawwa). Wara erba' s'għat ta' estrazzjoni, ħallih jiksaħ. Neħħi t-tubu mill-apparat ta' estrazzjoni u qiegħdu f'kurrent ta' arja biex tneħħi ħafna mis-solvent li jkun ippenetra.

## 2.7. It-tieni estrazzjoni

Aqleb il-kontenut tat-tubu fil-microgrinder u itħan fin kemm jista' jkun. Qiegħed lura t-taħlita mitħuna fit-tubu mingħajr ma twaqqa' u qegħedha lura fl-apparat ta' estrazzjoni.

Issokta bl-estraxxjoni għal sagħtejn oħra billi tuża l-istess flask bil-qiegħ tond li fih hemm l-estratt tal-bidu.

Is-soluzzjoni miksuba fil-flask ta' estraxxjoni trid tkun ċara. Jekk le, iffiltra b'karta filtru u aħsel il-flixkun oriġinali u l-karta filtru għal bosta drabi bl-eżan. Iġbor il-filtrat u s-solvent tal-ħasil fi flask ieħor bil-qiegħ tond li jkun tnixxef u ġie ttarat sal-eqreb 1 mg.

## 2.8. Tneħħija tas-solvent u l-użin tal-estratt.

Neħħi l-parti l-kbira tas-solvent billi tiddistilla fuq banju msaħħan bl-elettriku. Neħħi l-aħħar traċċi tas-solvent billi ssaħħan il-flask fil-forn f'103 ± 2 °C għal 20 minuta. Għin il-proċess ta' eliminazzjoni jew billi tonfoħ l-arja fih, jew preferibbilment xi gass inerti, f'intervalli jew billi tuża pressjoni mnaqqsa.

Ħalli l-flask f'dessikatur biex jiksaħ għal mill-inqas siegħa u iżen sal-eqreb 1 mg.

Erga' saħħan għal 10 minuti fl-istess kondizzjonijiet, kessaħ f'dessikatur u erga' iżen.

Id-differenza bejn iż-żewġ piżijiet ma għandhiex taqbeż l-10 mg. Jekk jġri hekk, erga' saħħan għal perjodi ta' 10 minuti u wara kessaħ u iżen sakemm id-differenza fil-piż tkun 10 mg jew inqas. Hu nota tal-aħħar piż tal-flixkun.

Wettaq determinazzjonijiet doppji fuq il-kampjun tat-test.

## 3. ESPRESSJONI TAR-RIŻULTATI

### 3.1. Metodu ta' kalkolu u formula

(a) L-estratt imfisser bħala perċentwali bil-massa tal-prodott kif riċevut huwa daqs:

$$S = m_1 \times \frac{100}{m_0}$$

fejn:

S = il-perċentwali bil-massa ta' estratt tal-prodott kif riċevut,

$m_0$  = il-massa, fi grammi, tal-porzjon tat-test,

$m_1$  = il-massa, fi grammi, tal-estratt wara li jinxf.

Hu bħala riżultat il-medja aritmetika tad-determinazzjonijiet duplikati, sakemm il-kondizzjonijiet ta' ripetibbiltà jiġu ssodisfati.

Agħti r-riżultat sa punt deċimali wieħed.

(b) L-estratt hu espress skont il-materja niexfa bl-użu tal-formula:

$$S \times \frac{100}{100 - U} = \text{oil percentage of extract on dry basis}$$



fejn:

S = il-perċentwali tal-estratt permezz tal-prodott kif riċevut (ara l-punt (a)),

U = l-umdità u l-kontenut tal-materja volatili.

### 3.2. Ripetibilità

Id-differenza bejn id-determinazzjonijiet duplikati mwettqa simultanjament jew f'suċċessjoni rapida mill-istess analista ma għandiex taqbeż iż-0,2 g ta' estratt ta' eżan għal kull 100 g ta' kampjun.

Jekk din il-kondizzjoni ma tiġix issodisfata, irrepeti l-analiżi fuq żewġ porzjonijiet oħra tat-test. Jekk, anki f'dan il-każ, id-differenza taqbeż iż-0,2 g, hu bħala riżultat il-medja aritmetika tal-erba' determinazzjonijiet.

—

ANNEX V

Formola għar-rappurtar tar-riżultati tal-kontrolli tal-konformità msemmija fl-Artikolu 14 f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1183

Kampjun	Kategorija	Pajjiż ta' oriġini	Post tal-ispezzjoni <sup>(1)</sup>	Tikkettar						Parametri kimiċi			Karatteristiċi organolettiċi <sup>(4)</sup>			Konklużjoni finali	
				Isem ġuridiku	Post ta' oriġini	Kundizzjonijiet tal-ħżin	Informazzjoni żbaljata	Leġġibilità	C/NC <sup>(2)</sup>	Parametri lil hinn mill-limitu Iva/Le	Jekk iva, indika liema <sup>(2)</sup>	C/NC <sup>(2)</sup>	Valur medjan tad-difett	Valur medjan tat-togħma tal-frott	C/NC <sup>(2)</sup>	Azzjoni meħtieġa	Sanzjoni

<sup>(1)</sup> Suq intern (tħin, ibbottiljar, l-istadju tal-bejgħ), esportazzjoni, importazzjoni.

<sup>(2)</sup> Kull karatteristika taż-żejt taż-żebbuġa stabbilita fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2104 għandu jkollha kodiċi.

<sup>(3)</sup> Konformi/mhux konformi.

<sup>(4)</sup> Meħtieġa biss għaż-żjut taż-żebbuġa verġni skont it-tifsira tal-Parti VIII, il-punt 1, tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013